Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona<br>Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum il-Gżira
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 3.7 il-Kunsillier Cardona semma li dan kellu jkun jekk il-Kunsill Lokali hux se jbati.

1.2 Fuq punt 3.25 il-Kunsillier Cardona semma li dan kellu jkunu li nuru rikkonoxximent.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

### Bord tal-Evalwazzjoni u Tenders

2.1 Is-Sindku semma li l-Bord tal-Evalwazzjoni kien qed jaħdem fuq l-offerti li kien ħareġ il-Kunsill Lokali imma dawn kienu qed jidħlu f' ħafna dettal. Huwa semma li bħalissa kienu qed jevalwaw it-tenders tal-handyman u dak tal-contracts manager.

2.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa kif kien baqa l-Kunsill fuq it-tender tal-knies. Is-Sindku semma li minn naħa tal-Kunsill konna bagħatna lill Cleansing Directorate fuq kif għandhom jitqassmu r-rotot u qed jitfassal il-proċess ta' kif se jibda jitħaddem.

2.3 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk kienx hemm indikazzjoni meta dawn se jibdew. Is-Sindku semma li dawn kienu se jibdew minn Ġunju.

2.4 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk jistgħux jingħataw direct orders lill-Gvern. Is-Segretarju semma li kien hemm email minn naħa tal-Monitoring Unit li tindika li jistgħu imma huwa qal li lest iġġib aktar linji gwida jekk hemm bżonn.

2.5 Is-Sindku semma li bħala parti mix-xogħol se jkun hemm persuni li jagħtu sitt sigħat xogħol fil-lokalita kuljum għal madwar sitt ijiem.

2.6 Il-Kunsillier Galea semma li rridu naraw li minn ikun qed jibni jħalli s-sit warajh fi stat nadif.

2.7 Il-Kunsillier Galea saqsa jekk l-Espressjoni t' Interess għall contracts manager kinitx ippreparata. Is-Sindku qal li fuq din il-kwotazzjoni kien hemm tlett offerenti diġa.

2.8 Is-Sindku semma li fuq l-espressjoni t' interess fuq tal-handyman kien hemm offerta waħda biss. Huwa qal li nistgħu nsejħulu u nkellmuh u naraw dan x' tip ta' xogħol jagħmel.

## 3.0 KORRISPONDENZA

### Kampanja tal-Greenpak

3.1 Is-Sindku semma li tal-Greenpak fil-kampanja li kienu qed jagħmlu fejn iduru d-djar kien hemm ħafna djar li ma daruhomx. Huwa qal li għalhekk issa se nagħtu ċans tlett ġimgħat oħra biex il-lokalita tintlaħaq tajjeb.

### Sistema tas-CCTV

3.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa kif konna bqajna fuq is-sistema tas-CCTV cameras għall lokalita.

3.3 Is-Sindku semma li s-Segretarju kellu jġib xi informazzjoni kif tista ssir din it-tip ta sistema. Huwa qal li għall dan l-iskop jinħarġu żewġ tenders, wieħed għall connection li jkun hemm bżonn u ieħor għall hardware sabiex issir is-sistema.

### Vakanza Segretarju Eżekuttiv

3.4 Is-Segretarju semma li huwa kien ħejja kollox sabiex ikun hemm il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali. Huwa semma li kif kien ippjana din kienet se tagħlaq fis-16 ta' Mejju.

### Website tal-Kunsill

3.5 Is-Sindku semma li l-website kienet kważi lesta u ressaq quotation kemm kienet se tiswa bħala domain biex jinxtara għall Kunsill Lokali li kienet tammonta għall madwar € 244 fis-sena. Huwa saqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li dan jinxtara. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

### Intervisti għall Front Office Staff

3.6 Is-Sindku semma li rridu nagħmlu l-intervisti sabiex tintgħażel persuna bħala front office. Huwa ssuġġerrixxa lill-Kunsilliera sabiex isibu ġurnata l-ġimgħa d-dieħla. Għall interviews tal-front office ġew magħżula fuq il-Bord il-Kunsillier Chetcuti u l-Kunsillier Galea flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### Żbir ta Siġar tal-Palm

3.7 Il-Viċi Sindku semma li huwa kien jaf persuna li din hija lesta li tiżbor is-siġar tal-palm minħabba li tużah għall kannizatti mingħajr flus. Is-Sindku qal sabiex javviċinah.

**Tabelli Informattivi**

3.8 Il-Kunsillier Cardona semma li jistgħu isiru żewġ mapep li juru l-lokalita tal-Gżira u jindikaw major landmarks biex iservu ta gwida għan nies li jżuru l-Gżira u fl-istess ħin jirreklamaw in-negozji.

**Traffic Management u Bus Stage**

3.9 Il-Kunsillier Chetcuti semma li fejn sar it-traffic management fil-parti fejn tidħol għall Manoel Island kien hemm bżonn li titranġa billi kien hemm vetturi li qed iduru u jingħataw iċ-ċitazzjonijiet. Is-Sindku qal li din kienet tranġat.

3.10 Il-Kunsillier Cardona semma li kien hemm bus shelter fejn tal-Lotto li kien hemm bżonn li jkun aktar evidenti. Il-Viċi Sindku semma li fl-istess żona kien hemm ħofra li ridna nimlewha biż-żrar u anki sservi bħala stage iktar adegwat.

## 4.0 JUM IL-GŻIRA

4.1 Is-Sindku semma li fuq ta Jum il-Gżira inħadem baġitt kemm se tiswa l-attivita li ġiet ikkalkulata li se tiswa bejn € 4,000 u € 5,000.

4.2 Is-Sindku qal li l-Banda se ddoq fis-7.30 pm u fl-isfont se jkun hemm il-kant għaddej biex wieħed ikollu għażla x' jista jsegwi.

4.3 Is-Sindku semma li huwa kien iltaqa ma tal-Iskola fuq mod kif jistgħu jipparteċipaw u għalhekk dawn se jħejju xi xogħol relatatt ma dawn it-temi u jingħataw ċertifikat ta' rikkonoxximent.

4.4 Is-Sindku semma wkoll li saret laqgħa mal-għaqdiet tal-lokalita biex naraw kif dawn jistgħu jipparteċipaw fl-attivita u kien ikkordinat x' ikel jistgħu jippreparaw.

4.5 Il-Kunsilliera Schembri qalet li għal dakinhar se jkunu ippreżentati 4 wheelchairs sabiex juru l-ħajja għall dawn in-nies kemm hija diffiċli. Hija qalet li jrid ikun hemm 4 Kunsilliera li joffru voluntiera.

**Il-Kunsilliera Schembri talbet biex tiġi skużata fis-7.00 pm**

## 5.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq il-pagament lill Jurgen Busuttil. Is-Segretarju semma li dan kien qed jagħti servizz temporanju lill-Kunsill Lokali sakemm ikun hemm front office komplut.

5.2 Il-Kunsillier Cardona saqsa fuq l-item tas-shifting of signs. Is-Sindku qal li dawn kienu saru minħabba l-proġett tal-Kappara Junction.

**Il-Kunsillier Hewitt talab biex jiġi skużat fis-7.20 pm**

**6.0 AĠĠORNAMENT**

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.40 p.m. u ġiet aġġornata għat 23 ta' Mejju 2016.

Konfermati llum ______________________ 2016

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Conrad Borg Manché | Michael Portelli |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |